MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2015

Appell Civili Numru. 1/2013

**Paul Tabone**

**Vs**

**Direttur tas-Sigurta Soċjali**

Il-Qorti,

Rat is-sentenza tas-27 ta' Novembru 2012, fejn l-Arbitru ippronunzja s-segwenti decizjoni:

*"L-Arbitru*

*Ra d-deċiżjoni tad-Direttur tas-Sigurta Soċjali datata 11 ta' Ottubru 2011.*

*Ra l-appell datat it-28 ta' Ottubru 2011.*

*Ra r-risposta tad-Direttur datata 12 ta' Novembru 2012 flimkien mad-dokumenti kollha li ġew eżebiti.*

*Ra illi l-appellant ma deherx għas-smiegħ.*

*Ikkonsidra.*

*Illi permezz ta' deċiżjoni mogħtija minnu fil-11 ta' Ottubru 2011, id-Direttur tas-Sigurta Soċjali iddeċieda illi l-appellant kien intitolat għall-pensjoni kontributorja mill-10 ta' Settembru 2011 bir-rata ta' Euro 185.09 fil-ġimgħa.*

*Mill-appell jirriżulta illi l-ilment tal-appellant kien li ma fehemx għaliex ma kienx qiegħed jirċievi pensjoni b'rata ogħla u meta staqsa għall-kalkolu li kien għamel id-Dipartiment, ma ngħata ebda sodisfazzjoni.*

*Jirriżulta lill-arbitru illi skond assessment magħmul mid-dipartiment il-medja tal-kontribuzzjoni magħmulin mill-appellanti huma ai termini tal-artikolu 53(3) tal-Att dwar is-Sigurta Soċjali Kap 318 u ċioe 50.43 kontribuzzjoni. Għaldaqstant, b'din il-medja, l-appellant jikkwalifika għall-proporzjoni sħiħ taż-żewġ terzi pensjoni u ċioe 0.66666 tad-dħul pensjonabbli.*

*Illi l-pensjoni ġiet kompjutata ai termini tal-artikolu 3 tat-13 l-Iskeda tal-istess Att dwar is-Sigurta Soċjali Kap 318 u li huwa Ewro 14,437,27 c. Dan l-ammont jirrappreżenta l-medja tad-dħul iddikjarat mill-appellant għall-perjodu bejn l-2001 sal-2009.*

*Għaldaqstant irriżulta li l-appellant huwa intitolat għall-pensjoni li tirrappreżenta l-figuri ikkalkulati fuq Ewro 14, 437, 27 X 0.66666/52 = Ewro 185.09 c fil-ġimgħa għas-sena 2011.*

*Għaldaqswtant l-Arbitru wara li sema u ra l-provi kollha miġjuba quddiemu, huwa tal-fehma illi d-deċiżjoni tad-Direttur hija ġusta u għalhekk timmerita konferma.*

*Għal dawn il-motivi, l-appell qed jiġi miċħud u d-deċiżjoni appellata qed tiġi kkonfermata."*

Illi minn din is-sentenza qiegħed jappella l-appellanti Paul Tabone bis-segwenti aggravji:

1. illi d-Direttur żbalja meta kkonsidra lill-appellanti bħala pesruna li timpjiegha lilha innifisha u ha in konsiderazzjoni is-snin bejn l-2001 u l-

2009 u dana ghaliex huwa fid-data li lahaq l-eta pensjonabbli kien impjegat u ghalhekk id-Direttur ma setx jinjora dan il-perijodu ta' bejn s-snin mill-2009 sal-2011.

2. Illi id-Direttur appellat allura, kien zbaljat meta fil-komputazzjoni tad-dhul pensjonabbli tal-esponenti mexa mat-tielet artikolu tat-Tlettax-il Skeda, liema artikolu japplika ghal dawk li jimpjegaw lilhom infushom, izda minflok kellu japplika l-ewwel artikolu ta'l-istess skeda illi tirrigwarda l-persuni impjegati.

Illi l-fatti kif jirriżultaw huma s-segwenti

L-appellanti kien jaħdem għal rasu sas-sena 2009. Fis-sena 2009 huwa ġie impjegat mal-Libyan Arab Maltese Holding Company Limited fejn baqa impjegat sakemm laħaq l-eta pensjonabbli ta' 61 sena fis-sena 2011. Dwar dawn il-fatti hemm qbil bejn il-partijiet.

Illi l-artikolu 53 tal-Kapitolu 318 tal-Ligijiet ta' Malta jitkellem dwar r-rata shiha tal-pensjoni taz-zewg terzi fejn f'dan id-dispost tal-ligi jinghataw l-kriterji li jintitolaw lill-kontribwent ghal tali pensjoni meta jistipula illi:

***"Ir-rata sħiħa tal-Pensjoni ta' Żewġ Terzi msemmija taħt l-artikolu 52 għandha tkun ta' żewġ terzi tad-dħul pensjonabbli tal-persuna assigurata li tkun ħallset jew ġiet akkreditata b'medja fis-sena ta' ħamsin kontribuzzjoni tul perjodu - (i) ta' tletin sena fil-każ ta' persuna mwielda fil-31 ta' Diċembru 1951 jew qabel".***

Illi t-Tlettax-il Skeda tal-Kapitolu 318 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula imbaghad, il-metodu kif għandu jinħadem id-Dħul Pensjonabbli, ta' persuna. Fil-fatt id-dhul pensjonabbli fl-att huwa definit bhala:

***"l-paga jew salarju bażiċi, jew dħul nett, jew qliegħ, maħduma skond it-Tlettax-il Skeda*[1]"

L-appellant jikkontendi fir-rikors tal-appell tiegħu illi kellu jiġi applikat l-**<u>artikolu 1</u>** tal-imsemmija skeda sabiex jinħadem id-dħul pensjonabbli tiegħu. Dan l-artikolu 1 jistipula hekk:

***"(1) Fil-każ ta' persuna –***

***(a) imwielda fil-31 ta' Diċembru 1951 jew qabel li għandha titqies bħala persuna impjegata, il-medja fis-sena tal-paga jew salarju bażiku tagħha matul l-aħjar tliet snin kalendarji konsekuttivi fi żmien l-aħħar għaxar snin kalendarji konsekuttivi li jiġu minnufih qabel ma hi tirtira jew issir invalida skont dan l-Att, kif ikun il-każ; li dwarhom il-kontribuzzjoni dovuta tkun tħallset jew titqies li tħallset skont dan l-Att jew, jekk kienet impjegata għal inqas minn tliet snin kalendarji konsekuttivi fi żmien l-imsemmija l-aħħar għaxar, ħdax, tnax jew tlettax-il sena kalendarja, kif applikabbli skont dan il-paragrafu, matul dak in-numru ta' xhur kalendarji konsekuttivi li jistgħu jkunu l-aħjar fil-każ tagħha fl-imsemmija perjodu, kif jistgħu jiżdiedu biż-żidiet fil-paga applikabbli meħtieġa bil-liġi sabiex jingħataw b'mod ġenerali dwar kull sena sussegwenti ta' kull waħda mill-imsemmija l-aħħar għaxar, ħdax, tnax jew tlettax-il sena kalendarja, kif applikabbli."***

Jirriżulta illi d-Direttur u l-Arbitru warajh applikaw **<u>l-artikolu 3</u>** sabiex jinħadem id-dħul pensjonabbli tal-appellant. Dan l-artikolu jistipula hekk

[1] Artikolu2(1) tal-Kapitolu 318

***"(3) Fil-każ ta' persuna –***

***(a) imwielda fil-31 ta' Diċembru 1951 jew qabel li għandha titqies bħala persuna li taħdem għaliha nnifisha, il-medja fis-sena tad-dħul nett tagħha li dwarha l-kontribuzzjoni dovuta tkun tħallset matul l-aħħar għaxar snin kalendarji, jew parti minnhom jekk hi ma kenitx taħdem għaliha nnifisha għaż-żmien kollu msemmi ta' għaxar snin minnufih qabel ma tirtira jew issir invalida skont dan l-Att, kif ikun il-każ;"***

Illi minn ezami akkurat ta' dawn iz-zewg disposizzjonijiet tal-ligi tinsorgi distinzjoni netta bejn id-dhul pensjonabbli fl-ewwel istanza u dak fit-tieni wahda, ghaliex filwaqt illi l-artikolu 1 jitkellem dwar "***l-paga jew salarju bażiku tagħha matul l-aħjar tliet snin kalendarji konsekutivi fi żmien l-aħħar għaxar snin kalendarji konsekuttivi li jiġu minnufih qabel ma hi tirtira,*** **l-artikolu 3 imbaghad jitratta "*d-dħul nett tagħha li dwarha l-kontribuzzjoni dovuta tkun tħallset matul l-aħħar għaxar snin kalendarji, jew parti minnhom jekk hi ma kenitx taħdem għaliha nnifisha għaż-żmien kollu msemmi ta' għaxar snin minnufih qabel ma tirtira*".**

Jinsorgi ghalhekk illi filwaqt illi l-artikolu 1 jitkellem dwar persuna impjegata u li allura tippercepixxi paga jew salarju u dana ghall-ghaxar snin (jew parti minnhom) minnufih qabel l-eta pensjonabbli, l-artikolu 3 minn naha l-ohra jitkellem dwar persuna li taħdem għaliha nnifisha u li ghandha dhul nett u mhux xi salarju u dana ghall-ahhar ghaxar snin jew parti minnhom fil-kaz li hija ma kenitx tahdem ghaliha innifisha ghal tul il-perijodu kollu qabel ma tirtira. Ġaladarba il-liġi ma tistipulax illi wieħed irid iħares lejn il-mument partikolari meta l-persuna tilhaq l-eta pensjonabbli, allura ghandu japplika in-natura tad-dhul ewlieni ghall-ahhar ghaxar snin qabel l-eta pensjonabbli. Il-Qorti tosserva

illi f'dak il-perjodu ta' għaxar snin (jew parti minnhom) illi jiġu immedjatament qabel mal-appellanti irtira, li huwa l-perjodu ta' żmien relevanti għall-iskop tal-kalkolu tal-pensjoni, l-appellanti ħadem għal rasu għal tmien snin filwaqt illi kien impjegat għal sentejn biss. Jiġifieri għal aktar minn tliet kwarti tas-snin f'dawk l-għaxar snin qabel ma irtira, l-appellanti kien *self employed*. In oltre jingħad illi mill-provi jirriżulta illi l-kontribuzzjonijiet imħallsa mill-appellanti kienu dik ir-rata pagabbli ghal persuna li taħdem għaliha innifisha. Għal din ir-raġuni din il-Qorti ma tara xejn erroneju fid-deċiżjoni tad-Direttur, u warajh l-Arbitru, illi applikaw l-artikolu 3 u mhux l-artikolu 1 tat-Tlettax-il Skeda ta'l-Att billi hija tal-fehma illi din l-ahhar disposizzjoni tal-ligi ma tapplikax fil-konfront tal-appellanti, izda tirreferi ghal dawk in-nies li kienu impjegati, anke jekk seta' kien hemm cirkostanzi fejn fl-ahhar ghaxar snin kalendarji qabel id-data tal-irtirar dik il-persuna kienet impjegata biss ghal inqas minn tliet snin kalendarji konsekuttivi.

Għaldaqstant ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u is-sentenza appellata ikkonfermata.

L-ispejjez ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------